**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum il-Hamis, 23 ta' Jannar, 2020**

Numru 7

**Fl-atti tar-Rikors Guramentat Nru. 739/2019**

**Av. Paul Micallef Grimaud bhala mandatarju specjali ta'**
**(1) BR INTERNATIONAL HOLDINGS INC,**
**socjeta estera registrata gewwa l-Britihs Virgin Islands,**
**izda bl-indirizz ta' korrispondenza ta' Jebel Ali,**
**Dubai, United Arab Emirates u**
**(2) THE INDEPENDENT TOBACCO FZE,**
**socjeta estera registrata gewwa l-United Arab Emirates,**
**ta' P.O. Box 261031, Jebel Ali, Dubai, United Arab Emirates**

**vs**

**Venta Invest & Trade Ltd,**
**ta' 59 Devons Road, E3 3DW, London, United Kingdom**
**Dr Fransina Abela u P.L. Gillian Muscat**
**kuraturi deputati sabiex jirraprezentaw l-assenti socjetajiet esteri**
**(i) AL ARJWANA ALMUDIYA COMPANY,**
**ta' Jamal Abdulnaser Street, Zawiyat Al Amartyin, Libya u**
**(ii) ALMOSTAKEL IMPORTS**
**ta' Alhurrya Street, Tripoli, Libya**
**nominati b'digriet tal-1 ta' Ottubru 2019 u**
**l-kuraturi Dr Fransina Abela u P.L. Gillian gew mahruga**
**barra mill-kawza b'verbal tal-10 ta' Ottubru 2019**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur nomine tat-12 ta' Novembru 2019;

Rat ir-risposta tas-socjeta konvenuta Venta Invest & Trade Ltd.

**Ikkunsidrat**

It-talba tal-attur nomine soggetta ghal din id-decizjoni hi sabiex jigi dikjarat li s-socjeta konvenuta Venta Invest & Trade Limited ipprezentat ir-risposta guramentata taghha barra mit-terminu impost mil-ligi. Huma jsostnu illi n-notifika li saret mil-Qorti Maltija bil-courier permezz tad-DHL fl-indirizz registrat tal-kumpanija cioe 59 Devons Road kienet valida u skont il-ligi. Din in-notifika saret lil certu T. Cristea fl-indirizz imsemmi fis-27 ta' Awwissu 2019.

Is-socjeta konvenuta tirribatti li n-notifika ma kinitx valida u illi r-risposta guramentata giet prezentata malli saret taf bil-kawza. Philip Lazarov, sid beneficjarju, direttur u kap ezekuttiv tal-kumpanija konvenuta, xehed illi l-indirizz registrat tal-kumpanija in kwistjoni hu fil-fatt l-indirizz tas-socjeta Eurofirma li hi service provider li tipprovdi secretary u support services lil kumpanija konvenuta fl-Ingillterra u tithallas ghalihom. Il-kumpanija Eurofirma tipprovdi dawn is-servizzi lil diversi kumpaniji u ghandha reception fil-pjan terran tal-binja ta' sitt sulari. Is-socjeta konvenuta ma ghandha ebda relazzjoni mal-impjegati ta' Eurofirma u l-persuna li iffirmat l-att registrat fis-27 ta' Awwissu 2019 cioe T. Cristea wkoll ma ghandha ebda relazzjoni mas-socjeta konvenuta u lanqas jaf min hi. Hu ammetta li s-socjeta Eurofirma hi awtorizzata tircevi pakketti u dokumentazzjoni f'isem is-socjeta konvenuta. Hu sostna li ma kellu ebda konoxxenza tal-atti notifikati lil T. Cristea u sar jaf bil-kwistjoni meta inqalghu l-problemi mid-dwana ta' Malta fuq il-konsenja u talbu l-assistenza ta' avukati Maltin u dawn baghtulhom l-atti tal-kawza b'email.

Il-Qorti semghet lid-direttur uniku ta' Eurofirma dwar din il-kwistjoni.

Jirrizulta mill-atti illi l-ufficju registrat tas-socjeta konvenuta hu 59 Devons Road, London, cioe s-sit fejn marru l-atti tal-kawza permezz tas-servizz tal-courier u l-company secretary hi s-socjeta Eurofirma Limited bl-istess indirizz (fol. 192 et seq. tal-process). Id-direttur uniku ta' Eurofirma Limited Agne Jurgelioniene xehdet li s-socjeta tikri l-pjan terran tal-imsemmija binja f'Devons Road. Is-socjeta tipprovdi accounting services. Rigward il-posta li tircievi indirizzati lis-socjeta konvenuta, din

kienet tintbaghat meta mitluba mis-socjeta Venta. Ma kellha ebda obbligu mas-socjeta konvenuta li tghaddi kull dokument hekk kif jigi ricevut. L-impjegati ta' Eurofirma awtorizzati li jircievu korrispondenza tal-klijenti ta' Eurofirma. T. Cristea hi accountant assistant ma' Eurofirma, li rceviet l-atti tal-kawza fis-27 ta' Awwissu 2019 u poggiethom f'folder ta' Vesta Invest. Id-dokumenti ma gewx f'idejn ix-xhud u ghalhekk Philip Lazarov ma kienx notifikat u ghalhekk ma kienx jaf bid-dokumenti. Venta Invest ma ghandhiex impjegati fl-ufficcju ta' Eurofirma

Il-partijiet sahqu fis-sottomissjoniet taghhom li l-kwistjoni kellha tigi regolata skont ir-regoli procedurali tal-ligi Maltija.

L-artikolu 187(4) tal-Kap. 12 jistabilixxi illi korp li jkollu personalita guridika distinta tigi notifikata billi tithalla kopja tal-iskrittura fl-ufficcju registrat f'idejn persuna msemmija fl-artikolu 181A(2) jew f'idejn impjegat ta' dak il-korp. Il-persuni msemmija fl-artikolu 181A(2) huma

> (2) Kull dikjarazzjoni, jew skrittura li ghandha tinhalef skont il-ligi ghandha, fil-kaz ta' korp li jkollu personalita guridika distinta, tinhalef mill-persuna jew persuni li jkollhom ir-rapprezentanza guridika ta' dak il-korp jew minn kull segretarju tal-kumpannija jew minn kull persuna ohra li tkun awtorizzata bil-miktub minn dak il-korp sabiex tipprezenta atti gudizzjarji f'ismu jew li jaghmel dikjarazzjoni, risposta guramentata jew skrittura bhal dawk imsemmija.

Jibda biex jigi rilevat li l-kwistjoni tan-nullita tan-notifika u l-kontumacja tal-konvenut huma zewg kwistjonijiet differenti. Jekk in-notifika hi nulla, allura l-konvenut jitqies li qatt ma gie notifikat kif imiss u ghalhekk qatt ma jista' jitqies kontumaci. Din hi l-kwistjoni li qed titpogga quddiem il-Qorti ghal konsiderazzjoni taghha.

Il-Qorti ma taqbilx mad-difensuri tal-partijiet li l-kwistjoni issib is-soluzjoni taghha a bazi tal-artikoli rilevanti fuq citati taht il-ligi tal-procedura ta' Malta. Hu minnu illi l-kawza qed issir f'Malta u ghalhekk u bhala principju r-regoli tal-procedura tal-ligi Maltija japplikaw ghall-istess kawza u ghal partijiet. Pero tali prinicpji ma jistghux jigu applikati bla ma jittiehed kont illi n-notifika tas-socjeta konvenuta sar fl-Ingilterra ghax l-istess socjeta hi registrata fl-Ingilterra fil-Companies House Ingliz. In-notifika saret permezz ta' Courier cioe 'direct service' ai termini tal-artikolu 15 tar-Regolament Ewropew 1393/2007, li jesigi li din in-notifika diretta postali (u din il-Qorti tqis li

servizz postali jinkludi servizz permezz ta' Courier) trid issir skont ir-regoli tal-istat membru fejn qed issir in-notifika. Diversa kienet tkun il-kwistjoni kieku n-notifika saret f'indirizz registrat f'Malta pero dan mhux il-kaz.

Wiehed ghalhekk irid ihares lejn ir-regoli ta' procedura fil-ligi Ingliza dwar in-notifika ta' atti gudizjarji lil kumpanija registrata fl-Ingilterra. Jirrizulta bhala fatt illi l-ufficju registrat tal-kumpanija konvenuta hu fl-indirizz fejn saret in-notifika. Ghalkemm saret sottomissjoni mid-difensur tas-socjeta konenuta illi l-operational office jinsab il-Bugarija fejn jidher li jirrisjedi d-direttur uniku tas-socjeta konvenuta, din ma hi ta' ebda rilevanza la darba l-istess socjeta konvenuta ufficjalment u pubblikament ghazlet l-indirizz fejn saret in-notifika bhala dik fejn hemm l-ufficcju registrat tal-kumpanija. Hu minnu wkoll illi n-notifika thalliet f'idejn T. Cristea mpjegata tas-socjeta Eurofirma Limited li hi s-segretarja tal-kumpanija li d-direttur uniku taghha hi Agne Jurgelioniene.

Il-ligi Ingliza fir-rule 6.5 dwar ir-Rules of Procedure ghan-notifiki fl-Ingilterra mahrugin mil-Ministry of Justice jistipula illi kumpanija titqies li giet notifikata validament jekk tithalla ma' persuna 'holding a senior position with the company, director, treasurer, secretary, chief executive, manager or other officer'. Mill-mod kif inhi redatta din ir-regola hi l-fehma tal-Qorti li l-ligi Ingliza qed tirreferi ghal notifika f'idejn persuna fizika mhux korp guridiku. Dan wara kollox jaghti certeza lin-notifika billi korp guridiku fl-astratt ma jistax jitqies li ghandu xi personalita fizika jekk mhux permezz tal-persuni rapprezentativi tieghu. F'dan il-kaz in-notifika saret lil impjegata ta' korp guridiku li hu s-segretarju tal-kumpanija. Tali persona ma tistax titqies bhala persuna li ghandha 'senior position within the company' u ghalhekk in-notifika kif saret ma tistax titqies bhala wahda valida ai fini ta' notifika tal-atti tal-kawza. Hu wara kollox id-dmir ta' min jaghmel il-kawza li juza l-mezzi idoneji biex jassigura level playing field u dan jibda minn notifika valida skont il-ligi procedurali tal-pajjiz fl-Unjoni Ewropeja fejn qed issir in-notifika. Jekk is-socejta attrici ghazlet 'direct service' ghal fini ta' notifika flok trasmissjoni tal-atti lil agenzija reciproka kompetenti li kull stat fl-Unjoni Ewropeja ghandu u li jista' jintuza ghal fini ta' notifika korretta skont il-ligi ta' dak il-pajjiz allura trid tiehu fuqha l-oneru li hi tfittex u tadempixxi l-obbligu li tuza l-procedura idoneja legali ghal notifika. F'dan il-kaz ma jidhirx li n-notifika kienet valida u ghalhekk ma

jistax ikun hemm ebda terminu li ma giex segwit ghal prezentata tar-risposta guramentata skont il-ligi Maltija.

**Decide**

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad it-talba tas-socjeta attrici biex jigi dikjarat li s-socjeta konvenuta qieghda fi stat ta' kontumacja billi n-notifika li saret fis-27 ta' Awwissu 2019 fl-Ingilterra lis-socjeta konvenuta ma saritx skont il-ligi. Dan ifisser ghalhekk illi r-risposta guramentata u kontrotalba tas-socjeta konvenuta li gew prezentati ghalkemm qatt ma saret notifika valida tal-att promotur huma skont il-ligi. Spejjez ghas-socjeta attrici.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur